NEWSPAPER POST


# SHAREHOLDERS' NEWS



Malta Association of Small Shareholders – MASS VO 0629
*c/o 46, St. Bosco, Triq Borg, Fleur de Lys. Birkirkara.*
*mass2012@oultlook.com tel. 2157 6411*



**April 2014 Ħarġa Nru. 4**


## *Tagħrif siewi għall-azzjonisti u investituri ż-żgħar' kollha!*

**Min hi l-MASS?**

Il-MASS hi assoċjazzjoni li taħdem favur l-azzjonist u kull investitur żgħir, u li hi l-unika Assoċjazzjoni f'Malta, b'dan l-iskop, irreġistrata mall-Kummissarju tal-Organizzazzjonijiet Volontarji u għalhekk il-ħidma tagħha hi irregolata mill-Liġi Maltija.

In-Numru taċ-Ċertifikat tagħha hu VO 0629, li hi kburija bih li turih dejjem fil-korrispondenza kollha tagħha.

Fil-Laqgħa Ġenerali Annwali li saret fit-28 ta' Marzu inħatar kumitat li fih żewġ membri ġodda, u kien approvat Statut ġdid, kif jixraq li jkollha Assoċjazzjoni serja.

L-għanijiet li se taħdem għalihom il-MASS huma fl-Statut li jidhru fuq ġewwa.

L-Assoċjazzjoni ma tagħmilx qligħ u l-fondi li jkollha terġa' tinvestihom fl-istess Assoċjazzjoni u ħadd mill-membri tal-Kumitat ma jingħatalu xi ħlas għax-xogħol fil-Kumitat. Il-membri tagħha kollha, mhux biss tal-Kumitat ikollhom jimxu ma' Kodiċi tajba u prattiċi ta' etika. Min jinstab li kiser dawn il-kodiċi, b'mod ab-użiv jew b'mod irresponsabbli jitkeċċa mill-Assoċjazzjoni.

Bil-koperazzjoni tal-membri mall-ħidma tal-Kumitat u zieda fin-numru tal-membri nibdew naraw ir-riżultati mixtieqa.

Il-Pubbliku huwa mistieden għal konferenza mill-Malta Association of Small Shareholders. *M'hemx kundizzjonijiet – merħba 'l kulħadd !*
Il-kelliem se jkun is-Sur Geoffrey Bezzina, Director-Consumer Affairs Unit tal-MFSA li se jwieġeb mistoqsijiet mill-udjenza.
**Post: Radisson Blu Resort. St. George's Bay, St. Julians.**
**Data: it-Tlieta, 29 t'April 2014**
Ħin: Kafè fis-6.00pm u fis-6.30pm tibda l-konferenza.
Dħul b'xejn u hemm parking pubbliku 'il fuq mill-Lukanda.

**INDIRIZZ**

**BOLLA**

***IS-SEHEM TIEGĦEK HU IMPORTANTI..***

**Azzjonisti li ma jkunux se jattendu l-Laqgħat Ġenerali Annwali (AGM) tal-Banek jew tal-Kumpaniji li huma azzjonisti tagħhom, huma ġentilment mitluba biex jibagħtu l-prokura tagħhom iffirmata lill-Association of Small Shareholders.**

**Dan qed nagħmluh biex il-MASS tkun tista' ssaħħah il-lobby favur l-investituri żgħar f'xi votazzjoni li issir matul dawn il-laqgħat. Hemm xi wħud li diġà qed jagħmluh dan u niżgurawhom li l-vot jintuża favur tagħhom stess.**

**L-iskop tal-MASS hu li xi darba jkun hemm direttur fil-Bord tal-kumpaniji li jista' jkun vuċi tal-azzjonist minoritarju. Kellna kandidati fil-MALITA u fl'HSBC; u issa jmiss fil-GO p.l.c. Għadna lura imma mexjin.**

**Min imur għall-AGM inħeġġuħ biex jivvota bi skop favur l-azzjonist minoritarju.**

**Min irid jagħmel xi mistoqsija waqt l-AGM imma m'għandux kuraġġ li jitkellem, nistednuh li jinforma l-MASS u hi tieħu ħsieb li tagħmel il-mistoqsijiet hi.**

**Għal aktar tagħrif, jekk jogħoġbok għamel kuntatt mal-MASS.**

## L-Elezzjoni tal-MEPs EU 2014.

L-Elezzjoni se ssir fi ftit ġimgħat oħra. Il-MASS ħatfet l-opportunità biex tikteb lil ħafna mill-kandidati u l-MEPs tallum biex jieħdu sehem f'seminar ta' jum fil-bini tal-Parlament Ewropew li sar fit-28 t'April. Din kienet organizzata mill-EuroFinUse, organizzazzjoni Ewropea biex jiddiskutu liġijiet proposti li jħarsu lill-investitur iż-żgħir. U wara tlabnihom ukoll li jwieġbu kwestjonarju tal-istess Organizzazzjoni.

Sakemm morna għall-istampa, kellna tweġiba waħda biss; ta' Dr. Miriam Dalli. Meta jwieġbu oħrajn insemmuhom. Il-kandidati u MEPs jitkellmu fuq kull ħaġa taħt il-kappa tax-xemx iżda lill-investituri ħadd ma jagħti kashom. Ma jafux kemm hawn eluf ta' penzjonanti li qed jiddependu mill-qligħ li jkollom mill-investimenti biex jgħixu ħajja bil-kwiet wara tant snin xogħol?

**Ma jafux li hawn 80,000 investitur irreġistrati mal-MSE. Dawn poġġew flushomu f'ishma u bonds ta' kumpaniji lokali u b'hekk qed jgħinu l-Ekonomija tal-Pajjiż u jżidu l-possibiltà li jinħoloq ix-xogħol. L-ekonomija timxi l-quddiem bl-investimenti tal-għeluf ta' dawn l-investituri 'żgħar'. Se jibqgħu jiġu injorati? Ma ħaqqhomx li jkunu protetti minn abbużi u riskji żejda? M'għandomx dritt għal dħul mill-investimenti tagħhom b'rati t'imgħax u 'dividends' xierqa?**

Din kienet l-imejl li bagħatna:

*This plea is addressed to all Maltese MEPs, and candidates for the 2014 European Parliament Election, irrespective of their political belief, profession or career.The European Federation of Financial Services Users, based in Rue du Lombard 761000 Brussels, is holding a one day conference on Friday, 28th March - The Better Finance Manifesto.*

*Small investors are not conscious enough of the risks that come as part and parcel with any Financial Instruments and many fall away to misselling techniques.Unless there is Legislation that protects the investor, it is most unlikely that financial institutions or companies do this themselves.*

*As an MEP, you can do a great deal to enact legislation for the protection of the minor investor.So please, spare a few minutes to read the documents that explain clearly the reason for this invitation and then fill in the Registration Form that you can find on EuruFinUse website.It is easy to imagine the benefits reaped by the Economy when investors feel protected and confident when trading in shares and bonds in local firms.*

*All Maltese investors will surely appreciate your taking part in the Conference*!



Meeting with Malta Stock Exchange p.l.c. on Monday, 24th April 2014 at the MSE Building, Garrison Chapel, Castille Place,Valletta.

Chief Executive, Eileen V. Muscat together with Business and Product Development Manager, Mr. Cliff Pace met a delegation of MASS Committee members. These were Vice-President Alfred Portelli, Secretary Lawrence Mifsud, and members Dr. Cory Greenland and Tarcisio Barbara.

MASS asked how MSE can help it in its aim to pass on basic but sound knowledge of the local Financial Market to its members, who are retail investors. Both parties stated that their role excludes giving financial advice or soliciting of financial instruments.

Experiences shared by both parties prove that investors still lack basic knowledge on how the financial market works. Statistics prove that the amount of deals, compared to the amount of investments is really low-key, particularly in the equity market. A 'buy-to-hold' mentality prevails.

It was agreed that the aim of both entities is to have well informed investors in order that they have more confidence as *end-users of financial instruments*.

CORINTHIA PALACE HOTEL

Il-Pubbliku huwa mistieden għal konferenza pubblika.

Il-kelliem se jkun Dr. Camilleri, Lecturer fl-Universita ta' Malta.

**Post: Corinthia Palace Hotel. Ħ'Attard.**

**Data: il-Ħamis, 15 ta' Mejju 2014**

Is-sala tintuża bil-permess ġentili tal-International Hotels Investments p.l.c. u l-Maniġment tal-Corinthia.

Ħin: Kafè fis-6.00pm u fis-6.30pm tibda l-konferenza.

Dħul b'xejn.




***Avviż bla ħlas..***

**MILL-ISTATUT……**

**Art. 3 GĦANIJIET U ĦIDMA TALL-MASS.**

1. Tfittex li jiġu mħarsa l-interessi tal-azzjonisti minoritarji f'kumpaniji li huma ikkwotati fil-Borża ta' Malta u kif ukoll ta' investituri oħrajn fi Strumenti Finanzjarji (investimenti) oħra li hemm illum u ta' dawk futuri.
2. Tkun il-vuċi tal-azzjonisti minoritarji li jixtiequ jkollhom rappreżentanza xierqa fit-tmexxija ta' dawn il-kumpaniji u kif ukoll ta' investituri fi Strumenti Finanzjarji oħra li hemm illum u ta' dawk futuri.
3. L-investituri jkollhom tagħrif siewi dwar investimenti biex ikunu jistgħu jagħżlu bil-għaqal kif iħaddmu flushom bl-anqas riskju.
4. Tieħu inizjattivi u torganizza fora u laqgħat, u tuża mezzi oħra biex jikber dan it-tagħrif u edukazzjoni tal-investitur.
5. L-Assoċjazzjoni tkun awtonoma u volontarja.
6. Sakemm l-awtonomija tal-Assoċjazzjoni ma tkunx affettwata ħażin l-Assoċjazzjoni tista' tikkollabora ma' entitajiet oħra nazzjonali, reġjonali jew internazzjonali biex tkabbar u tifrex l-għanijiet tagħha.
7. L-Assoċjazzjoni ma jkolliex konnessjonijiet ma' Partiti Politiċi.

**Art. 4 STRUTTURA U MEMBRI.**

1. L-Assoċjazzjoni għanda titmexxa minn Kumitat magħmul hekk:

a. President
b. Viċi President
c. Segretarju
d. Teżorier
e. Uffiċjal Relazzjonijiet Publiċi.
f. u mhux aktar minn erba' (4) membri oħra.

AVVIŻ IMPORTANTI...ATTENTI

Il-Malta Association of Small Shareholders hi l-unika Assoċjazzjoni Maltija li taħdem favur l-azzjonist u l-investitur iż-żgħir, li hi irreġistrata mal-Office of the Commissioner for Voluntary Organisations u għanda ċ-Ċertifikat VO 0629.

Attenti, għax qed titqassam bil-posta, newsletter b'format differenti minn tagħna iżda b'isem jixbaħha ħafna.

Il-MASS ma titlobx donazzjoni iżda li titħallas it-tessera ta' Ewro5 u tinagħta riċevuta.

Nerġgħu nfakkru li l-paġna tal-Facebook bl-isem Malta Shareholders/Investors mhix immexxija mill-MASS. Sakemm jinħareg avviż ieħor, mhemmx paġna 'facebook' tal-MASS iżda 'l-quddiem se jkollna kemm paġna Facebook u kif ukoll web-site. Qed nitolbu qwotazzjoni għalihom.

L-avviżi tal-MASS jintbagħtu fix-***Shareholders' News***, bil-posta jew b-imejl u f'xi gazzetti lokali.

Il-membri huma mitluba biex joqgħodu attenti minn dan it-taħwid li mhux jagħmel ġid għall-kawża tal-investitur iż-żgħir..

Min ikollu xi dubju dwar min bagħat korrispondenza f-isem tal-MASS nitolbuh ġentilment biex jikkontattjana.